MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Numru. 484/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Silvio Valletta)**
**(Sp. Ramon Mercieca)**

**vs**

**Clint Bonnici ta' 22 sena iben Mario u Rosaria Xebba Bugeja mwieled Pieta' nhar 20 ta' Marzu, 1983, residenti St Paul's, Flat 2, Triq Ruggero Loria, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 189483 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Clint Bonnici li gie akkuzat:

(1) talli nhar id-29 ta’ Mejju, 2005 ghall-habta ta’ 2.45 ta’ wara nofsinhar, f’dawn il-gzejjer, ikkommetta serq ta’ oggetti tad-deheb u flus, minn fond l-Edera, Triq Arnaldo Fabriani, Naxxar, liema serq hu kwalifikat, bil-mezz, lok u valur li jeccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Fenech Emanuele min-Naxxar.
(2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-gzejjer, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta jew bara minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali a fol 56 taht liema hu mahsub li tista’ tinstab htija u cioe:

(a) fl-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikoli 261(b)(c)(d), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali,
(c) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li l-imputat fl-20 ta’ Ottubru, 2005 iddikjara li m’ghandux oggezzjoni ghal proceduri sommarji (fol 59).

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghat-tieni akkuza (fol 57).

Rat li l-imputat ikkonferma l-istess ammissjoni (fol 59).

Rat il-pre-sentencing report esebit a fol 63.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-artikolu 7 tal-Kapitlu 446 u tqieghed lil Clint Bonnici taht ordni ta’ probation ghal sentejn mil-llum b’dan illi Clint Bonnici ghandu jsegwi kull direttiva lilu moghtija minn Trevor Calafato dwar l-andament tieghu fil-programm kontra addiciton tieghu tad-droga. B’dan illi ghandu

jsegwi anke d-direttivi moghtija lilu mill-agenzija lilu ndikata ghal dan l-iskop.

Tordna li l-Probation Officer jaghmel rapport lilha bil-miktub kull tmien gimghat dwar l-andament ta’ Clint Bonnici f’din l-ordni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------